**411. Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Owen Bonnici jipproponi illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-Riżoluzzjoni:-**

"Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lil Valletta Football Club b'titolu ta' enfitewżi temporanja, liema proprjetà tinstab fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Luqa u hija deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, għas-skop, bil-kanoni taċ-ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi tali abbozz ta' ftehim jinkludi ukoll ir-rexxissjoni tal-kuntratt iffirmat bejn il-Kunsill Malti għall-Isport u Valletta Football Club fit-30 ta' Ġunju 2011 biex il-proprjetà li tinstab ġewwa Ħal Farruġ, limiti ta' Ħal Luqa, kif deskritta aħjar fl-istess abbozz, li kienet ingħatat mill-Gvern lill-istess Valletta Football Club b'titolu ta' emfitewżi temporanja, terġa tiġi rritornata lill-Gvern;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi il-proprjetà fuq imsemmija fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Luqa, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab fuq il-Mejda tal-Kamra, tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewżi temporanja lil *Valletta Football Club* għaż-żmien u għall-iskop imsemmi fl-abbozz imsemmi, kif ukoll issir ir-rexxissjoni tal-kuntratt tat-30 ta' Ġunju 2011 fir-rigward tal-proprjetà ġewwa Ħal Farruġ, limiti ta' Ħal Luqa, skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz".

29.07.20